28 ta' Ġunju, 1950

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Paolo Micallef

**Indiġenza — Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli lil Martu u lil Uliedu fil-Bżonn — Appell.**

*Biex ikun hemm ir-reat tal-kap ta' familja li jħalli lill-martu u lill-uliedu fil-bżonn, il-liġi trid li jkun hemm l-iżregolatezza jew in-nuqqas ta' kont għaż-żgħar.*

*Meta r-raġel ma jmantnix il-familja meta għandu l-mezzi biex imantniha già hemm l-iżregolatezza, skond il-ġurisprudenza kostanti. Imma jekk iċ-ċitazzjoni kienet bażata biss fuq il-għażż, jew nuqqas ta' kont għaż-żgħar, u dan l-element tar-reat ma jiġix pruvat, ma jistax l-imputat jiġi ritenut ħati tar-reat.*

*Fl-appell, imbagħad, l-imputazzjoni ma tistax titbiddel billi ssir il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fis-sens li tiġi akluża l-iżregolatezza, jekk dik il-korrezzjoni ma tkunx saret fil-Qorti t'Isfel.*

Il-Qorti — Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat talli r-Rabat, bħala kap tal-familja, ħalla fil-bżonn lil martu Pawla u lit-tfal tiegħu minħabba l-għażż;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' April 1948, li biha l-imsemmi Micallef instab ħati u ġie kundannat għall-ammenda ta' £2;

Rat ir-rikors li bih dan appella;

Semgħet il-provi;

Irriflettiet;

Mill-provi deher li l-imputat illu ma jagħti l-manteniment lill-martu u liż-żewġ uliedu (ta' seba' snin u nofs u ħames snin

rispettivament mill-bidu tas-sena. Il-mestjer tiegħu hu dak ta' naġġar, u fiż-żminijiet tal-lum naġġar jaħdem u jaqla';

Iżda fiċ-ċitazzjoni u fis-sentenza hemm dan id-difett. Il-liġi trid li jkun hemm jew l-iżregolatezza jew in-nuqqas ta' kont għax-xogħol. F'dan il-każ iċ-ċitazzjoni hi limitata għall-każ ta' għażż (jiġifieri nuqqas ta' kont għax-xogħol, fil-kliem tal-liġi kif imissħom ġew użati). Issa, għalkemm fil-każ preżenti hemm l-iżregolatezza (għaliex, skond il-ġurisprudenza kostanti, jikkostitwixxi żregolatezza l-fatt ta' min ma jgħinx il-familja meta jkollu mezzi biex imantniha), il-għażż però, ossija n-nuqqas ta' kont għax-xogħol, ma ġiex pruvat— —lanqas ġiet tentata ebda prova. Intant iċ-ċitazzjoni hi bbażata fuq daqshekk, u mhux anki fuq l-ipotesi ta' l-iżregolatezza. Iċ-ċitazzjoni fl-appell ma tistax titbiddel. Kien imissha saret mill-ewwel xort'oħra fil-Qorti t'Isfel, jew almenu kien imissha ġiet mitluba l-korrezzjoni tagħha fl-ewwel istanza konformement għaċ-ċirkustanzi tal-każ;

Kif inhi, l-imputazzjoni ma treġġix;

Għalhekk l-appell hu milqugħ f'dan is-sens, l-imputat dikjarat mhux ħati fit-termini ta' l-imputazzjoni, u liberat minnha.